# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' April 2002**

**Avviz. numru 858/99**

**Numru 29**

**Tabone Installations Limited**

**vs**

**The Village Bakery Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex dik konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erba' mija tnejn u erbghin lira Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm442.44c0) rapprezentanti hlas ta' xoghol ta' elettriku minnha esegwit fil-canteen tal-fabbrika tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentanta tal-Avviz sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta (a fol 2 tal-atti) u li biha eccepiet illi l-azzjoni attrici hija assolutament infondata sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt, stante li l-materjal installat u kkonsenjat fil-proprjeta' tal-eccipjenti ma kienx dak miftiehem bejn il-partijiet.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-ammont mitlub huwa ferm esagerat u hafna oghla mir-rati odjerni f'dik is-sengha u l-arti.

Salvi eccezzjonjiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri a fol 30 ibid u li biha eccepiet ulterjorment illi l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2148(a) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta stante li skada t-terminu prefiss mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi in rigward l-eccezzjoni ulterjuri sottomessa mis-socjeta konvenuta ossija dik preliminari a basi tal-perjodu ta' preskrizzjoni ta' tmintax il-xahar allegatament skadut.

In rigward din l-eccezzjoni ssir referenza ghas-segwenti:

1) F'dan il-kaz, l-uniku att gudizzjarju intavolat kien l-avviz in esami li gie presentat fl-10 ta' Gunju 1999 u notifikat lis-socjeta fis-16 ta' Gunju 1999 (ara fol 1 u r-riferta faccata ta' fol 5 tal-istess atti).
2) Mix-xhieda ta' Joseph Mifsud (fol 28 u 29 ibid) il-kontrollur finanzjarju tal-istess socjeta' konvenuta, ix-xoghol in kwistjoni kien gie stallat fil-post qabel Settembru 1997 waqt li l-kont kien wasal ghand is-socjeta konvenuta fis-7 ta' April 1988. Skond l-istess xhud, qed jigi kontestat l-ammont hemm pretiz. Difatti jidher li l-ammont ta' Lm225 jew "vicin" hu effetivament dovut.
3) Skond Carmel Raymond Micallef ("affidavit" a fol 12 ibid), l-istess xoghol sar "fl-1997" waqt li Mark Aquilina (affidavit a fol 13 ibid) prodott mis-socjeta attrici izda wiehed mid-diretturi tal-istess socjeta konvenuta kkonferma li kien sar ix-xoghol in kwistjoni u filfatt irrikonoxxa il-kreditu pretiz fl-avviz u effettivament ghamel rinunzja fil-fehma tal-Qorti ghall-perjodu ta' preskrizzjoni caso

mai dan kien di gja skada (ara l-artikolu 2108 (2) tal-Kodici Civili).

4) David Tabone (affidavit a fol 18 ibid) esebixxa il-kont relattiv ghax-xoghol esegwit, liema kont (a fol 20 ibid) jgib id-data tal-17 ta' April 1997.

Ikkunsidrat

Illi hu minnu li, mill-premess, jidher illi bejn id-data tal-kont, gja imsemmi u dik meta gie presentat l-avviz in esami, skadew aktar minn tmintax il-xahar. Pero jidher ukoll li Mark Aquilina qua direttur tas-socjeta konvenuta "de facto" irrinunzja ghal dan skond l-artikolu 2108 gja imsemmi waqt li Joseph Mifsud, fil-kwalita tieghu premessa jidher li rrikonoxxa li parti mis-somma pretisa hi effettivament dovuta.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u tordna li dan il-kaz jitkompla jinstemgha skond il-ligi; Bl-ispejjes riservati.

Alan Calleja
Deputat Registratur